Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 – IL-ĦAMIS, 3 TA' NOVEMBRU 2016**

**Laqgħa B'Urġenza**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-18:00 sas-18:35.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **David Thake** | **Viċi Sindku** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **Paul Bugeja** | **Kunsillier (imsiefer)** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier (raġunijiet personali)** |
| | **Daniel Grima** | **Imsiefer** |
| | **Stephen Cremona** | **Imsiefer** |

***Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.***

1. **APOLOĠIJI**

   1.1. **Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillieri Bugeja, Cremona, Piscopo, u D. Grima kienu nfurmawh li ma setgħux jattendu.**

2. **DEĊIŻJONI DWAR L-ARMAR TAL-MILIED**

   2.1. **Is-Sindku ippreżentat tliet (3) kwotazzjonijiet li ġew maħruġa għall-armar tat-toroq bid-dekorazzjonijiet tad-dwal tal-Milied, waħda għaż-żona ta' San Pawl il-Baħar, waħda għaż-żona tal-**

pjazza u x-xatt ta' Buġibba, u t-tielet waħda għal Triq it-Turisti, Buġibba.

2.2. Intefgħet offerta waħda għall-kwotazzjoni taż-żona ta' San Pawl il-Baħar u offerta waħda għaż-żona tal-pjazza u parti mix-xatt ta' Buġibba. Ma ntefgħet l-ebda offerta għall-kwotazzjoni ta' Triq it-Turisti.

2.3. Il-Kunsill approva li l-ewwel żewġ kwotazzjonijiet jingħataw lil dawk li tefgħu l-offerti rispettivament ladarba dawn kienu qed joffru dak li ġie mitlub mill-kunsill. Fil-każ ta' Buġibba l-ispiża ser tkun dik sal-massimu li wieħed jista' jagħmel xogħol permezz ta' kwotazzjoni.

2.4. Dwar it-tiżjin ta' Triq it-Turisti, is-Sindku qalet li għandna nibqgħu nesploraw possibiltajiet differenti biex jekk jista' jkun ma nħallux iż-żona mingħajr armar tal-Milied fit-toroq.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-MIŻATA TA' SĦUBIJA FIL-MAJJISTRAL ACTION GROUP

3.1. Is-Sindku preżentat ċirkukari u korrispondenza li waslet ftit qabel dwar is-sħubija fil-Majjistral Action Group. Il-ħlas għas-sħubija għandu jsir sa l-10 ta' Novembru, 2016, u għalhekk qed tiġi mitluba l-approvazzjoni tal-kunsill biex jinħareġ il-pagament ta' €6,500 (€500 dovut għal kull kunsillier).

3.2. Ġie mistoqsi jekk dan kienx diġa tħallas, iżda s-Sindku spjegat li l-ħlas kien sar għall-perijodu preċedenti u li dan il-ħlas ikopri s-sħubija fil-programm sal-2020. Is-Sindku spejgat fil-qosor il-benefiċċji ta' din l-isħubija. Il-kumsillier A. Grima qal li  mportanti li naraw li dawn il-flus ma jkunux tħallsu għalxejn imma nibbenifikaw kemm nistgħu minn din is-sħubija.

3.3. Il-Kunsill approva li tiġi mħallsa din il-miżata.

## 4. TMIEM IL-LAQGĦA

4.1. Fis-18:35 il-Kunsill qabel il jtemm il-laqgħa.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Graziella Galea**<br>**Sindku** | **Malcolm Agius**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |